

31989L0458

3.8.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 226/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Lulju 1989

li temenda fir-rigward l-istandards ta' emissjoni għal karozzi li huma ta' inqas minn 1,4 litri, id-Direttiva 70/220/KEE dwar l-l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-miżuri li għandhom jittieghdu kontra it-tniġġis ta' l-arja kawżat minn emissjonijiet minn vetturi bil-mutur

(89/458/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 100a ta' dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

B'ko-operazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi huwa importanti li jiġu adottati miżuri bl-għan li jiġi stabbilit b'mod progressiv is-suq intern matul perjodu li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern għandu jkollu fih żona fejn ma jkunx hemm fruntieri interni, u li fiha il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa garantit;

Billi l-ewwel programm ta' azzjoni tal-Komunità Ewropea dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent, li kien ġie approvat mill-Kunsill nhar it-22 ta' Novembru 1973, kien jitlob biex jiġu kkunsidrati l-aktar metodi xjentifiċi reċenti għal kontra t-tniġġis ta' l-arja kkawżat minn gassijiet li jgħorġu minn vetturi bil-mutur, u biex id-Direttivi li kienu adottati qabel jiġu emendati kif meħtieġ;

Billi t-tielet programm ta' azzjoni jipprovi għal sforzi addizzjonali li għandhom isiru biex jitnaqqas b'mod konsiderevoli l-livell preżenti ta' kontaminazzjoni li toħroġ minn vetturi bil-mutur;

⁽¹⁾ ĠU C 56, tas-27.2.1988, p. 9 u ĠU C 134, tal-31.5.1989, p. 8.

⁽²⁾ ĠU C 262, ta' l-10.10.1988, p. 89 u ĠU C 120, tas-16.5.1989.

⁽³⁾ ĠU C 208, tat-8.8.1988, p. 7.

Billi d-Direttiva 70/220/KEE ⁽⁴⁾, emendata l-aħħar bid-Direttiva 88/436/KEE ⁽⁵⁾, tistabbilixxi l-valuri ta' limitu ta' kemm jgħorġu monossidu tal-karbonju u idrokarburi mhux maħruqa minn magni bħal dawn; billi dawn il-valuri ta' limitu kienu introdotti għall-ewwel darba bid-Direttiva 74/290/KEE ⁽⁶⁾ u kkumplimentati, f'konformità mad-Direttiva 77/102/KEE ⁽⁷⁾, b'valuri ta' limitu għal ħruġ awtorizzat ta' ossidi tan-nitroġenu; billi l-valuri ta' limitu għal dan it-tniġġis kienu mnaqqsa aktar tard bid-Direttivi 78/665/KEE ⁽⁸⁾, 83/351/KEE ⁽⁹⁾ u 88/76/KEE ⁽¹⁰⁾, waqt li bid-Direttiva 88/436/KEE kienu ġew introdotti valuri ta' limitu għal ħruġ ta' tniġġis partikolari minn magni li jaħdmu bid-diesel;

Billi x-xogħol mwettaq mill-Kummissjoni f'dak is-settur wera li l-Komunità għandha għad-dispożizzjoni tagħha, jew bħalissa qed tipperfezzjona, teknoloġiji li jwasslu għal tnaqqis akbar fil-valuri ta' limitu in kwistjoni għal kull qies ta' magna;

Billi għandu jsir sforz partikolari biex jiġu promossi teknoloġiji ndaf fejn għandhom x'jaqsmu vetturi bil-mutur, fil-kuntest tal-programm ta' riċerka għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda;

Billi biex l-ambjent Ewropew jitħalla jgawdi l-benefiċċju massimu minn dawn id-dispożizzjonijiet u fl-istess waqt tiġi żgurata l-għaqda tas-suq, jidher li huwa meħtieġ li jiġu adottati standards ta' kwalità Ewropej aktar stretti, bbażati fuq armonizzazzjoni totali, bħalma huma dawk ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u dawk li għalihom kien ivvota l-Parlament Ewropew; billi dawn il-valuri ta' limitu huma bażati fuq il-proċeduri tat-test attwali, stabbiliti bid-Direttiva 70/220/KEE, u għandhom bżonn jiġu kkunsidrati mill-ġdid meta jkun mgħejjuna minn test li jirrappreżenta l-kondizzjonijiet ta' sewqan f'żoni urbani;

⁽⁴⁾ ĠU L 76, tas-6.4.1970, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 214, tas-6.8.1988, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 159, tal-15.6.1974, p. 61.

⁽⁷⁾ ĠU L 32, tat-3.2.1977, p. 32.

⁽⁸⁾ ĠU L 223, ta' l-14.8.1978, p. 48.

⁽⁹⁾ ĠU L 197, ta' l-20.7.1983, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 36, tad-9.2.1988, p. 1.

Billi minħabba l-iżvolġiment prinċipali li għandu t-tniġġis li joħoroġ minn vetturi bil-mutur u l-kontribuzzjoni tiegħu li twassal għal ħruġ ta' gassijiet responsabbli għall-effett tas-serra, il-ħruġ ta' CO₂ b'mod partikolari għandu jkun stabbilizzat u effettivament imnaqqas f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent (UNEP) tal-24 ta' Mejju 1989, u b'mod partikolari il-punt 11 (d) ta' din,

ADOPTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Artikolu 1 ta' Anness I tad-Direttiva 70/220/KEE jiġi emendat kif ġej:

1. Fil-punt 5.2.1.1.4., l-aħħar linja tat-tabella tinbidel b'dan li ġej:

"C < 1 400 19 5 —".

2. Fil-punt 7.1.1.1., l-aħħar linja tat-tabella tinbidel b'dan li ġej:

"C < 1 400 22 5,8 —".

Artikolu 2

1. Mill-1 ta' Jannar 1990 l-ebda Stat Membru m'għandu, fejn għandu x'jaqsam it-tniġġis ta' l-arja kkawżat minn emissjonijiet minn magni li għandhom kapaċità ta' anqas minn 1 400 ċm³:

— jirrifjuta milli jagħti l-approvazzjoni tal-KEE dwar it-tip, li joħoroġ id-dokument imsemmi fl-aħħar punt ta' Artikolu 10(1) tad-Direttiva 70/156/KEE⁽¹⁾, emendata l-aħħar bid-Direttiva 87/403/KEE⁽²⁾, jew jagħti l-approvazzjoni nazzjonali dwar it-tip għal tip ta' vettura bil-magna,

jew

— jipprojbixxi l-ewwel dħul ta' vetturi bil-mutur fis-servizz,

fejn emissjonijiet minn dan it-tip ta' vetturi bil-mutur jew minn vetturi bħal dawn ikunu jilhqqu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/220/KEE, emendata l-aħħar b'din id-Direttiva.

2. Mill-1 ta' Lulju 1992, fejn għandhom x'jaqsmu tipi ta' vetturi li għandhom magna b'kapaċità ta' anqas minn 1 400 ċm³, l-Istati Membri:

— ma jistgħux johorogu aktar id-dokument msemmi fl-aħħar punt ta' Artikolu 10(1) tad-Direttiva 70/156/KEE għal tip ta' vettura bil-mutur,

— għandhom jirrifjutaw milli jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ta' vettura bil-mutur,

li l-emissjonijiet li johorogu minnha ma jkunux jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Annessi tad-Direttiva 70/220/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

3. Mill-31 ta' Diċembru 1992, fejn għandhom x'jaqsmu vetturi li għandhom magna b'kapaċità ta' inqas minn 1 400 ċm³, l-Istati Membri għandhom iżommu milli jidħlu fis-servizz daww il-vetturi li l-emissjonijiet li johorogu minnhom ma jkunux jilhqqu l-kriterji stabbiliti fl-Annessi għad-Direttiva 70/220/KEE, emendata b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet għal inċentivi ta' taxa għall-vetturi koperti minn din id-Direttiva. Dawn l-inċentivi għandhom jilhqqu d-dispożizzjonijiet tat-Trattat kif ukoll il-kondizzjonijiet li ġejjin:

— dawn għandhom ikunu japplikaw għal produzzjoni kollha ta' karozzi domestiċi u għall-vetturi impurtati għall-marketing fi Stat Membru u li jkollhom tagħmir li jħalli li l-istandards ta' kwalità Ewropej tal-1992 jintlaħqu qabel iż-żmien,

— dawn għandhom jintemmu fid-data stabbilita f'Artikolu 2(3), biex b'hekk jiġi applikat id-dħul obligatorju tal-valuri ta' emissjoni għal vetturi ġodda,

— dawn għandhom ikunu ta' valur, għal kull tip ta' vettura, sostanzjalment inqas mill-ispiża attwali tat-tagħmir imwaħħal biex jilħaq il-valuri stabbiliti u tat-twaħħil tiegħu fil-vettura.

Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata dwar xi pjanijiet li jista' jkun hemm biex jiġu introdotti jew emendati l-inċentivi tat-taxxa msemmija fl-ewwel subparagrafu fi żmien suffiċjenti biex tkun tista' tagħmel il-kummenti tagħha.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regoli u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ruħhom ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1990. Huma għandhom jinfurmaw mill-ewwel lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 5

Qabel it-tmiem tal-1990, il-Kunsill għandu, waqt li jagħixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jiddeċiedi biex

⁽¹⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-8.8.1987, p. 44.

- jaġġusta wkoll, għal vetturi li għandhom magna b'kapaċità ugwali għal jew aktar minn 1 400 cm³, id-dati u l-istandards ta' kwalità stabbiliti f'din id-Direttiva fuq il-bażi ta' proċedura aħjar ta' test Ewropew, u li jkun jinkludi wkoll sekwenza ta' sewqan *extra-urban*,
- jinkorpora f'din il-proċedura ta' test Ewropew mtejbja l-valuri ta' limitu stabbiliti f'din id-Direttiva għal vetturi li għandhom magna b'kapaċità ta' inqas min 1 400 cm³.

Artikolu 6

Filwat li jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, li għandha tikkunsidra r-riżultati miksuba mix-xogħol fuq il-progress li jkun sar fuq l-effett tas-serra,

il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar x'miżuri jieħu biex jiġi limitat il-ħruġ ta' CO₂ minn vetturi bil-mutur.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Lulju 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

R. DUMAS